**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 13, it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar i-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 fis-6.00 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

<u>**Preżenti**</u> **(Seba' Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Vincent Bonello | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jurgen Carl Grixti | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

Il-Kunsillier Carmen Borg talbet li tkun skużata minħabba li kienet tinsab ma tiflaħx.
Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li jkun skużat minħabba li kien jinsab imsiefer.
Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet ta' xogħol.

<u>**Talba**</u>

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal it-Talba.

**02 Approvazzjoni tal-Minuti**

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 12 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Minuti ġew approvati unanimament.**

**03 Punti li joħorġu mill-Minuti**

***03/01 Ħsarat u Vandaliżmu fil-Car Park u Ġnien Anton Buttiġieġ***

Is-Sindku nfurma lill-membri li kemm hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv għamlu r-rapporti dwar il-ħsarat li saru kemm fil-Car Park kif ukoll fi Ġnien Anton Buttiġieġ.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ enfasizza li hemm bżonn issir aktar pressure mal-Pulizija sabiex min huwa responsabbli jħallas tal-ħsarat, bil-Viċi Sindku jkompli li l-Kunsill m'għandux iħalli li jifrankawha għaliex ikunu minorenni.

**03/02 Vetrina ta' ħanut imkissra fi Triq il-Kbira San Ġużepp**

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa x'sar dwar il-każ tal-periklu li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li dwar dan il-każ kienu diġa saru tlett rapporti lill-Pulizija u kienet ittieħdet azzjoni. Barra minhekk hija mxiet mad-direzzjoni li taha l-Kunsill fl-aħħar laqgħa, fejn ġie deċiż li nieħdu parir mingħand il-Pulizija sabiex il-Kunsill jara jistax jinbarra din il-faċċata b'xi injam, iżda sal-ġurnata tal-laqgħa kienet għadha mingħajr risposta.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni tal-membri u saħaq li l-Kunsill għandu joqgħod attent għax jekk il-Kunsill se jibda' jagħmel dawn l-affarijiet se jagħti lok li ħadd ma jkun responsabbli.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ enfasizza li dan huwa każ ta' periklu u s-sid ma jistax jieħu azzjoni għaliex jinsab rikoverat fi sptar u l-Kunsill ma jistax jibqa' ma jagħmel xejn dwar il-każ.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti jaqbel li l-Kunsill jieħu azzjoni u ma joqgħodx jistenna l-parir tal-Pulizija.

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jerġa' jsir rapport l-Għassa u talba għall-aktar gwida dwar dan il-każ.

***03/03 Riċeviment għall-Kappillan Fr Henry Balzan***

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-attivita' rnexxiet u l-għaqdiet ħarġu sodisfatti.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ fisser li din l-attivita' kienet tajba ħafna u ntwera rispett lejn il-Kappillan.

Il-Viċi Sindku Vince Bonello ġibed l-attenzjoni li din l-attivita' saret għax il-Kappillan sejjer il-Missjoni, għaliex ma jistax ikun li għax jitlaq Kappillan nagħmlu riċeviment.

03/04 Kuntratt tal-iStreet Lighting

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello nfurma lill-membri li hu ddiskuta mas-Segretarju Eżekuttiv dwar dan il-każ u sar qbil li tintbagħat korrispondenza għall-kjarifika mis-Sur Michael Cohen, Konsulent fi ħdan is-Segretarjat Parlamenti għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għaddiet email lis-Sur Cohen iżda sal-ġurnata tas-Seduta baqgħet mingħajr risposta.

***03/05 Ittra lit-Take Aways dwar Sponsor ta' Bins***

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li jingħata l-lista ta' fejn tqassmu l-ittri lit-take aways sabiex ikun possibli li jagħmel follow up magħhom.

***03/06 CCTV Cameras fi Triq il-Kbira San Ġużepp***

Il-Viċi Sindku Vince Bonello rrimarka li ġaladarba ċ-ċitazzjonijiet li qed jinħarġu mis-CCTV li hemm installata fi Triq il-Kbira San Ġużepp qed jinħarġu fuq il-Ħamrun, il-Kunsill għandu jara li jieħu l-flus tagħhom.

**04 Tender Ġbir ta' Skart imħallat**

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill għadu qed jistenna r-Rapport mingħand il-Konsulent u probabbilment il-ġimgħa d-dieħla għandu jkun iffinalizzat. F'dan l-istadju l-Bord jiltaqa' mingħajr dewmien. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni li l-ġimgħa d-dieħla jaf tinħoloq diffikulta' biex jiltaqa' l-Bord għaliex il-membri kollha huma mpenjati b'bosta attivitajiet tal-Milied.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello fisser li mill-ftit li ltaqa' mas-Sur Ray Pellicano, jidher li huwa persuna ntegra u mpenjat ħafna u għaldaqstant ix-xogħol tagħna jaf jiġi sekondarju. Jidher li għal flus li se jkun qed iħallas, il-Kunsill mhux qed jieħu servizz.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello staqsa għaliex dan ir-rapport ma' sarx mis-Segretarju Eżekuttiv, bħalma normalment isir. Is-Sindku nfurma lill-membri li dan huwa tender delikat ħafna u l-konsulent iddaħħal minħabba t-teknika li fih it-tender.

**05 Ikla tal-Milied għall-Membri tal-Kunsill**

Is-Sindku nfurma lill-membri li nġabru xi stimi għall-ikla tal-Milied. Huwa ppropona li l-ikla ssir is-Sibt 16 ta' Jannar fejn għaliha jattendu l-Membri tal-Kunsill, Segretarju Eżekuttiv, staff u l-ħaddiema tal-IPSL.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li MEMO 122/2010 tgħid 'f'każ li jiġu mistiedna l-konjuġi/partners, l-ispejjeż tagħhom m'għandhomx joħorġu mill-fondi tal-Kunsill'.

Għaldaqstant sar qbil li l-Kunsill iħallas biss għas-Sindku, Viċi Sindku, ħames kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv, erba' staff u tlett ħaddiema tal-IPSL.

Gew ippreżentati Menus ta' 'Tal-Familja Restaurant' u 'The Italian Job'. Minħabba li l-Kunsill huwa marbut l-ammont ta' finanzji għal din l-attivita', l-Kunsill qabel li l-ikla tinżamm f'Tal-Familja Restaurant, fejn il-budget huwa għal but tal-Kunsill u s-servizz mogħti waqt l-ikla s-sena li għaddiet kien wieħed tajjeb ħafna.

**06 The Great Book of Ħamrun**

Is-Sindku nfurma lill-membri li ftit tax-xhur ilu ltaqa' ma John Barardi, barrani li ġie jgħix fil-Ħamrun u affaxxina ruħu bil-lokalita', minkejja l-bad image li ġieli taw lil-lokalita' u anke ltaqa' ma' persuni li ħassrulu milli jiġi jgħix hawn. Is-Sur Barardi ftit tax-xhur ilu beda jieħu numru ta' ritratti ta' persuni, toroq, monumenti u dak kollu li wieħed isib fil-lokalita' tal-Ħamrun, liema ritratti se jkunu parti minn ktieb bl-isem 'The Great Book of Ħamrun'. Is-Sur Barardi qed jipjana li jistampa dan il-ktieb u ssir Wirja f'waħda mis-swali ta' St James Cavalier.

Is-Sindku fisser li dan huwa proġett żgħir u tajjeb ħafna iżda bħal kollox, jeħtieġ il-fondi.

Il-Kunsiller Efrem Buttiġieġ spjega li l-Kunsill għandu jara kemm hemm spejjeż involuti qabel jikkommetti ruħu iżda l-Kunsill għandu jara li jimbarka fuq dan il-proġett, għaliex il-Kunsill għandu jappoġja dawn l-inizzjattivi.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti qal li dan il-ktieb huwa ħaġa sabiex għaliex għoxrin sena oħra l-familjari ta' dawn il-persuni se jkollhom l-okkażjoni li jaraw lill-qrabathom fuq ktieb.

Il-Viċi Sindku, Vince Bonello qal li hija ħaġa sabiħa li barrani ħa nteress fil-lokalita' tagħna iżda l-Kunsill għandu jħajjar lis-Sur Barardi sabiex jagħmel kuntatt ma' persuni oħra mill-Ħamrun, forsi jkunu jistgħu jgħinuh f'dan il-proġett, mingħajr ma jinħoqlu diffikultajiet jew ħsibijiet li din l-idea tittieħed minn ħaddieħor. F'dan l-istadju l-Kunsill għandu jħeġġeġ lill-Ħamruniżi sabiex jgħinu lis-Sur Baradi.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill javviċina lill-istoriku Ray Mangion sabiex tiddaħħal anke ftit storja. Is-Sindku spjega li dan il-ktieb se jkun fih ritratti biss.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti fisser li hija ħaġa sabiħa li din il-persuna qed tħares lejn il-lokalita' minn perspettiva differenti.

**07 Traffic Managment – Triq Wenzu Mallia**

Is-Sindku nfurma lill-membri li bħalma ġew infurmati, l-Kunsill iltaqa' mar-residenti ta' Triq Wenzu Mallia u l-akwata u sema' li parti minn din l-area tinsab fil-periklu. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-Kunsill għandu jressaq proposta quddiem Transport Malta sabiex, it-traffic managment jiġi rranġat kif ġej;

Triq Mons. De Piro – tiġi One-Way, bil-vetturi jidħlu biss minn Triq Kappillan Mifsud
Triq Wenzu Mallia – tiġi One-Way, bil-vetturi li ġejjin minn Triq Qrejten jiġu ddevjati għal Triq il-Fatati, filwaqt li Pjazza Kappillan Muscat u Triq Kappillan Valletta, jibqgħu kif inhuma fil-preżent.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni dwar it-traffiku li jkun ġej minn Triq Kappillan Mifsud, kif se jidħol għal Triq Wenzu Mallia. Is-Sindku spjega li min irid jidħol għal Triq Wenzu Mallia, se jkollu aċċess minn Triq Mons. De Piro.

Wara diskussjoni, sar qbil li titressaq il-proposta għall-attenzjoni ta' Transport Malta kif imsemmi aktar 'l fuq.

**08 Stimi Manutenzjoni tal-Bankini**

Il-Viċi Sindku nfurma lill-membri li fl-ewwel laqgħa li kellu tas-Sotto Kumitat li hu responsabbli għalih, is-sotto kumitat ipproponа li jinħadem rapport mill-Perit tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni ġenerali tal-istat tat-toroq u bankini fil-lokalita' u jidentifika dawn it-toroq u bankina l-aktar deterjorati, sabiex il-Kunsill ikun jista' joħroġ programm ta' Xogħol għall-manutenzjoni.

Is-Sindku fisser li l-Kunsill ingħata fondi ta' € 7000 mir-Reġjun Nofsinhar sabiex jagħmel proġetti relatati ma' persuni b'diżabilita' u l-Kunsill kien iddeċieda li jagħmel manutenzjoni fuq il-bankini, sabiex ikunu aktar aċċessibli għall-persuni b'diżabilita'.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jidentifika zona u jirranġa kollox u mhux jaħdem bil-biċċiet, għaliex 1) ix-xogħol ma jidhirx u 2) ma tinħoloqx diskriminazzjoni bejn ir-residenti.

Is-Sindku spjega li quddiem il-Knisja Parrokkjali Immakulta Kunċizzjoni, l-bankina tinsab fi stat ħażin ħafna u hija ta' periklu kontinwu għar-residenti. Fil-fatt hemm partijiet minn din il-bankina li qatt ma saru u hemm partijiet li jiżolqu ħafna. Dwar dan tkellimna mal-Perit tal-Kunsill u nġabru stimi sabiex quddiem il-Knisja ssir bil-madum.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ saħaq li huwa mportanti li ssir diskussjoni mal-Kappillan dwar dan ix-xogħol. Is-Sindku assigurah li kemm il-Kappillan kif ukoll il-Kumitat tal-Armar se jkunu nvoluti f'taħdidiet mal-Kunsill sabiex dan ix-xogħol jiġi emalgamat mal-Proġett li għandha l-Knisja.

Il-Kunsill qabel li l-Kunsill jibda l-laqgħat meħtieġa mal-Awtoritajiet konċernati.

**09 Karnival 2016**

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-lokalita' tal-Ħamrun ġiet magħżula mill-Kunsill Malti għall-Kultura sabiex jinżamm il-Karnival fil-lokalita' mal-Ħamrun nhar il-Ħadd 7 ta' Frar 2016.

L-attivita' tinvolvi defile ta' tlett karrijiet fosthom ir-Re tal-Karnival li se jibda triqtu lejn il-Belt Valletta propju mill-Ħamrun. Il-Kunsill Malti għall-Kultura se tkun responsabbli li tingaġġa żewġ baned barranin u żewġ maskaruni. Min-naħa tiegħu l-Kunsill għandu jħeġġeġ lit-tlett Baned Ħamruniżi u lill-Ħamrun Scouts, kumpaniji taż-żfin, entertainment fuq palk li se jintrama faċċata ta' Triq Dun Nerik Cordina Perez.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ faħħar din l-inizzjattiva u jħoss li l-Kunsill għandu jibda' jaħdem dwar din l-inizzjattiva wara l-festi tal-Milied u huwa ferm importanti li s-seba' kunsilliera jagħtu sehemhom.

Is-Sindku fisser li huwa mportanti li l-Kunsill jibda jiddiskuti mal-baned u jiddiskuti dwar ħlasijiet, servizz eċċ eċċ., Is-Sindku enfasizza li l-kunsilliera kollha għandhom jagħtu sehemhom sabiex din l-attivita' tirnexxi u għandhom iżommu r-responsabbiltajiet li kellhom fl-organizzar tal-Festival taċ-Ċikkulata.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello staqsa jekk din l-attivita' hux se tibda' tinżamm kull sena jew jekk hix attivita' ta' darba biss, għaliex il-Kunsill irid ikun ċar mal-baned minħabba l-ispejjeż tal-kostumi.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ enfasizza li l-Kunsill għandu jaħdem sabiex bħala l-ewwel darba li se tiġi organizzata din l-attivita', tkun attivita' tajba ħafna.

Għaldaqstant ġie deċiż li ssir laqgħa mal-għaqdiet lokali, nhar it-Tnejn 4 ta' Jannar 2016, fis-6.00p.m. fis-Sala tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab l-awtorizzazzjoni tal-membri sabiex jibda jagħmel kuntatt mal-Greenfields u mal-iskejjel taż-żfin, sabiex jipparteċipaw f'din l-attivita'. Il-Kunsill approva li l-Kunsillier Efrem Buttiġieġ jibda bil-kuntatti meħtieġa.

Is-Sindku Christian Sammut ħeġġeġ lill-membri sabiex jgħinu fl-organizzar tal-attivita', filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv tkun responsabbli mil-loġistika ta' din l-attivita'.

## 10 Korrispondenza

### 10/01 Talba mill-Impjegata Maronia Bonello sabiex isir tibdil fil-ħinijiet tax-Xogħol.

Il-Kunsill approva li l-impjegata Bonello tibda taħdem mid-9.00a.m. sas-2.00p.m., bil-kundizzjoni li f'każijiet li jkun hemm ħtieġa li ddum xi ftit aktar, tingħata avviż minn qabel u tibqa' xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-impjegata Bonello mhux darba jew tnejn baqgħet wara l-ħin tax-xogħol biex tlesti xogħlijiet assenjati lilha.

### 10/02 Proposal Syllabus for First Aid Course

Il-Kunsill evalwa l-offerta mressqa mis-Sur Alex Borg, sabiex jiġi organizzat First Aid Course għall-membri tal-għaqdiet, liema kors jinżamm bejn is-6.00p.m. u t-8.00p.m. Is-Sindku spjega li dan il-kors jista' jiġi organizzat fis-Sala li hemm fuq il-letrina fi Triq il-Ferrovija. L-offerta finanzjarja hija ta' € 15, meta r-rata normali hija ta' € 50.00, b'5 sessjonijiet ta' sagħtejn 'l waħda.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li dan il-kors kien jiġi offrut minn ċertu Kevin Gauci u għaldaqstant ma tkun idea ħażina jekk il-Kunsill jitolbu stima wkoll.

Il-Kunsill qabel li tintalab stima lis-Sur Kevin Gauci u wara li jiġu diskussi l-offerti, jinħareġ avviż għal dan il-kors lill-membri tal-għaqdiet.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti offra li jattendi u jieħu ħsieb li jiftaħ u jagħlaq il-bini hu.

### 10/03 Wifi Access Point

Il-membri ġew ppreżentati b'komunikat maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar proġett ta' estensjoni ta' Wifi points fil-lokalitajiet. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti sar qbil li l-wifi points isiru fi Ġnien Oreste Chircop u Ġnien Salvinu Spiteri, Triq il-Franġiskani.

### 10/04 Saviour Ellul - Lease of Car Park

Il-membri ġew ippreżentati korrispondenza mibgħuta mis-Sur Saviour Ellul, Direttur ta' MCP Car Park dwar il-kirja tal-parkeġġ tal-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni bejn il-membri sar qbil li l-Kunsill jaċċetta li għall-ewwel sentejn tal-kuntratt, ir-rata tal-kirja tibqa' kif inhi u mis-sena 2018, ikun hemm żieda ta' 2.5% fuq il-profit.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li fid-dawl taċ-ċirkostanzi, din hija proposta tajba.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello, spjega li l-Kunsill għandu esperjenza li minkejja li kien aċċetta l-għola offerta, mingħand kumpanija oħra, s-servizz kien ħażin ħafna u l-Kunsill kellu diżastru.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Kunsill aċċetta l-offerta ta' MCP kif proposta.

## 11 Skeda ta' Ħlasijiet

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill qabel li jwaqqaf pagament Nru 30 u Pagament Nru 31 tal-iskeda.

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-Kumplament tal-kontijiet.

## 12 Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti

### 12/01 Kunċert tal-Milied

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunċert li ġie organizzat mill-Kunsill flimkien mal-Orchestra tal-Junior College kien suċċess. Is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier Efrem Buttiġieġ tal-ħidma tiegħu sabiex dan il-Kunċert kien suċċess, iżda ħassu ftit iddiżappuntat li mhux il-membri kollha kienu preżenti. Is-Sindku spjega li l-membri kollha għandhom jagħmlu l-almu tagħhom sabiex f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill, jattendu, sabiex ikunu ta' eżempju għas-soċjeta'.

Is-Sindku spjega li dawn l-attivitajiet qed jgħinu lit-talent Ħamruniż jesponi aktar ruħu. Fil-fatt dan il-kunċert wera l-bravura tas-Sinjorina Giovanella Abela li ppreżentat dan il-kunċert b'mod mill-aktar professjonali u tas-Sopran Georgette Farrugia Sacco, li minkejja li għadha żagħżugħa tipprometti ħafna.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ rringrazzja lis-Sindku tal-opportunita' li jorganizza dan il-kunċert u spjega li hu daħal għal din il-biċċa xogħol, mill-bidu sal-aħħar. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spejga li l-attendenza kienet waħda mhux ħażin u t-tul tal-kunċert kien raġonevoli, iżda kienet tkun ħaġa sabiħa kieku l-membri kollha kienu preżenti.

### 12/02 Laqgħa dwar ir-Regolamenti – Ġieħ il-Ħamrun

Is-Sindku nfurma lill-membri li ltaqa' mal-membri tal-għaqdiet u ġew diskussi r-regolamenti li fuqu kien jingħata l-Unur Ġieħ il-Ħamrun. Is-Sindku fisser li ħarġu proposti tajbin ħafna u l-membri tal-għaqdiet apprezzaw il-fatt li ġew involuti fit-tfassil tar-regolamenti l-ġodda. Is-Sindku nfurma lill-membri li se ssir l-aħħar laqgħa mal-għaqdiet dwar dan is-suġġett u fil-laqgħa li jmiss se jitressqu ir-Regolamenti mfassla għall-approvazzjoni.

### 12/03 C&F Infrastructure vs Kunsill Lokali Ħamrun

Is-Sindku Christian Sammut ta' resume dwar il-kawża legali bejn C&F Infrastructure u l-Kunsill Lokali Ħamrun. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill diġa ressaq il-provi tiegħu, issa jmiss lill-Kumpanija C&F Infrastructure, fis-Seduta li jmiss.

### 12/04 Surveys għall-Proġetti Infrastrutturali

Is-Sindku, Christian Sammut infurma lill-membri li bħalissa qed isiru surveys għall-proġetti nfrastrutturali fi Triq il-Franġiskani u Pjazza Kappillan Muscat. Wara għandu jsir survey tax-shelter eżistenti fi Triq Atocia.

**12/05 Pedestrian Zone – Triq Atocia**

Is-Sindku, Christian Sammut infurma lill-membri li se jsir eżerċizzju ta' vehicle count mill-Perit tal-Kunsill sabiex titressaq talba quddiem Transport Malta sabiex Triq Atocia tiġi Pedestrian Zone Access to Residents Only.

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għaliex tista' tinħoloq diskriminazzjoni. Is-Sindku nfurma lill-membri li r-residenti mhux se jiġu ostakolati. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti rrimarka li din hija pjazza antika u l-Kunsill għandu jieħu ħsiebha, tkun idea tajba kieku din il-pjazza tissebbaħ b'funtana żgħira fiċ-ċentru tagħha.

**12/06 Triq Pawlu Burlo u l-akwata**

Is-Sindku, Christian Sammut infurma lill-membri dwar Traffic Managment Propost fl-area tal-Ħamrun Heroes Club. Il-Viċi Sindku rrimarka li hemm hekk kien hemm xi tabelli ta' No Entry u nqalgħu minn xi ħadd, għaldaqstant il-Kunsill għandu jivverifika x'kien hemm u fil-każ jerġgħu jitwaħħlu t-tabelli.

**12/07 Recording ta' diska minn Greenfields**

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li minħabba raġunijiet li ma kellhomx kontroll fuqhom, ir-recording tad-diska 'Il-Ħamrun fejn Twelidt' għadu ma sarx. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li Greenfields se jagħmlu recording ta' żewġ diski u mhux waħda u t-tnejn huma dwar il-Ħamrun.

Is-Sindku, Christian Sammut talab li l-Kunsill ikollu stima tal-prezzijiet, qabel jikkommetti ruħu għat-tieni diska.

**12/08 Stima għal Bins**

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li għadu qed jistenna xi stimi għall-bins fejn it-take aways.

**12/09 Tqassim ta' Rigali**

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li tkellem mas-Sur Sean Scicluna fejn kien infurmat li fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied, se jkun qed isir tqassim ta' rigali għat-tfal li jinsabu fl-istituti. Il-Kunsillier Buttiġieġ issuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza attivita' simili s-sena d-dieħla.

**12/10 Rimi ta' Skart fi Triq Atocia**

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ġibed l-attenzjoni dwar rimi ta' skart fi Triq Atocia.

Wara diskusskjoni sar qbil li l-Kunsill jitkellem mar-Reġjun sabiex jitqabbdu l-ECO Wardens u ssir sorveljanza. Dan is-servizz għandu jsir anke jekk dan is-servizz jiġi mitlub li jingħata bi ħlas.

**12/11 Party għat-tfal Ħamruniżi fil-festi tal-Milied**

Is-Sindku Christian Sammut infurma lill-membri li nġabru stimi sabiex isir attivita' għat-tfal waqt il-vaganzi tal-Milied, mingħand Popeye's Village, iżda l-istimi huma għoljin. Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku ssuġġerixxa li tinżamm l-attivita' annwali, fejn isir party fil-lokalita', biex b'hekk kulħadd ikun jista' jattendi.

## 13 Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00p.m. u ġiet aġġornata.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

______________________
DATA